32005R2036

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2036/2005

ta' l-14 ta' Diċembru 2005

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni provviżorja għal użu ġdid ta' ċerti addittivi li diġà huma awtorizzati fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem ([1]), u partikolarment l-Artikoli 3, 9d(1)u 9e(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-miżuri ta' tranżizzjoni għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi ta' l-għalf imressqa skond id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-addittivi elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament tressqu qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu dwar dawk l-applikazzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE, tressqu lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Dawk l-applikazzjonijiet għalhekk jibqgħu jitqiesu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

(5) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Saccharomyces cerevisiae* (CNCM -1079) kien awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnieżer femminili mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 ([3]). Data ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikro-organiżmi kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(6) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Pediococcus acidilactici* (CNCM MA 18/5M) kien awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnieżer għat-tismin mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/1999 ([4]). Data ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikro-organiżmi kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(7) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Enterococcus faecium* (CECT 4515) kien awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnieżer żgħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 654/2000 ([5]). Data ġdida tressqet b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikro-organiżmi kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

([1]) ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, tas-16.10.2004, p. 37).

([2]) ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005/ (ĠU L 59, tal-5.3.2005, p. 8).

([3]) ĠU L 191, tas-7.7.1998, p. 15.

([4]) ĠU L 108, tas-27.4.1999, p. 21.

([5]) ĠU L 79, tat-30.3.2000, p. 26.

(8) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotta mill-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 526.94) kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għat-tiġieġ għat-tismin, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2374/98 [1]. Tressqet dejta ġdida b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi, kif speċifikat fl-Anness II, għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(9) L-użu tal-preparazzjoni ta enżimi ta' l-endo-1,4-beta-xylanase li hija prodotta mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105), endo-1,3(4)-beta-glucanase u alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) u l-polygalacturonase prodott mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) ġie awtorizzat provviżorjament għall-ewwel darba fit-tiġieġ għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/2001 [2]. Tressqet dejta ġdida b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi, kif speċifikat fl-Anness II, għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(10) L-użu tal-preparazzjoni ta' l-enżimi ta' l-endo-1,4-beta-xylanase prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 10287) ġie awtorizzat mingħajr limitu taż-żmien fit-tiġieġ għat-tismin, fid-dundjani għat-tismin u fil-ħnieżer żgħar mir-Regolament tal-Kummissjoni. (KE) Nru 1332/2004 [3]. Tressqet dejta ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni sabiex l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi tiġi estiża għall-papri u l-ħnieżer għat-tismin. L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA) tat opinjoni dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni li tikkonkludi li mhix ta' riskju għal dawn il-kategoriji ta' annimali addizzjonali. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni ta' dik il-preparazzjoni għal dak l-użu huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi, kif speċifikat fl-Anness III, għandu jkun awtorizzat proviżorjament għal erba' snin.

(11) L-użu tal-preparazzjoni ta' l-enżimi ta' l-endo-1,4-beta-xylanase prodotta mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105) subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) kien ġie awtorizzat mingħajr limitu taż-żmien fit-tiġieġ għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 943/2005 [4]. Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għal applikazzjoni sabiex l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi tiġi estiża għall-papri. L-EFSA tat opinjoni dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni li tikkonkludi li mhix ta' riskju għal din il-kategorija annimali addizzjonali. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni ta' dik il-preparazzjoni għal dak l-użu huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi, kif speċifikat fl-Anness III, għandu jkun awtorizzat proviżorjament għal erba' snin.

(12) L-użu tal-preparazzzjoni ta' enżimi ta' l-endo-1,4-beta-xylanase li hija prodotta mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105), endo-1,3(4)-beta-glucanase u alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) u l-polygalacturonase prodott mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) ġie awtorizzat provviżorjament fit-tiġieġ għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/2001. Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għal żewġ applikazzjonijiet sabiex l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi tiġi estiża għall-papri u għat-tiġieġ li jbidu. L-EFSA tat l-opinjoni tagħha dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni fuq kull waħda miż-żewġ kategoriji ta' annimali li tikkonkludi fiż-żewġ każijiet li ma tippreżenta ebda riskju għalihom. L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni ta' dik il-preparazzjoni għal dak l-użu huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi għall-papri u għat-tiġieġ li jbidu, kif speċifikat fl-Anness III, għandu jkun awtorizzat provviżorjament għal erba' snin.

(13) L-evalwazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri għandhom ikunu meħtieġa sabiex il-ħaddiema jkunu protetti mill-esponiment għall-addittivi elenkati fl-Annessi. Protezzjoni bħal din għandha tkun assigurata permezz ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri għall-inkoraġġiment tat-titjib tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol [5].

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 295, ta' l-4.11.1998, p. 3.
[2] ĠU L 62, tat-2.3.2001, p. 3.
[3] ĠU L 247, tal-21.7.2004, p. 8.
[4] ĠU L 159, tat-22.6.2005, p. 6.
[5] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Mikro-organiżmi" kif speċifikat fl-Anness I huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fl-għalf ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness.

Artikolu 2

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Enżimi", kif elenkata fl-Anness II, huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness.

Artikolu 3

Il-preparazzjonijiet li huma parti mill-grupp "Enżimi", kif speċifikat fl-Anness III, huma awtorizzati għall-użu għal erba' snin bħala addittiv fl-għalf ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf shiħ			
Mikro-organiżmi								
E 1703	*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1079	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fiha minimu ta': 2×10^{10} CFU/g additiv	Ħnieżer femminili	—	1×10^{9}	6×10^{9}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha jinħażen, kemm jista' jdum il-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1712	*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M	Preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* li fiha minimu ta': 1×10^{10} CFU/g additiv	Ħnieżer għat-tismin	—	1×10^{9}	1×10^{9}	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1713	*Enterococcus faecium* CECT 4515	Preparazzjoni ta' Enterococcus faecium li fiha ammont minimu ta': 1×10^{9} CFU/g additiv	Ħnienes (miftuma)	—	1×10^{9}	1×10^{9}	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Għall-użu fil-każ ta' ħnieżer żgħar li nfatmu sakemm jilħqu l-35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien

ANNESS II

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Etàmassima	Kontenut-minimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet ohrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf shiħ			
Enzymes								
E 1636	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma reesei* (CBS 526.94) b'attività minima ta': Forma solida: 700 000 BU (1)/g forma likwida: 300 000 BU/g	Tiġieġ għat-tismin	—	17 500 BU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf shiħ 17 500-50 000 BU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polysakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira *glucans*).eż. li fihom aktar minn 20 % xgħir jew 30 % segala.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1637	Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8 Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Subtilisin EC 3.4.21.62 Alpha-amylase EC 3.2.1.1 Polygalacturonase EC 3.2.1.15	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-xylanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105), endo-1,3(4)-beta-glucanase u alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107), polygalacturonase prodott mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) b'attività minima ta': Endo-1,4-beta-xylanase: 300 U (2)/g Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U (3)/g Subtilisin: 4 000 U (4)/g Alpha-amylase: 400 U (5)/g Polygalacturonase: 25 U (6)/g	Tiġieġ għat-tismin	—	endo-1,4-beta-xylanase: 300 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U subtilisin: 4 000 U alpha-amylase: 400 U polygalacturonase: 25 U	— — — — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf shiħ endo-1,4-beta-xylanase: 300 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U subtilisin: 4 000 U alpha-amylase: 400 U polygalacturonase: 25 U. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna lamtu u polysakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u arabinoxylans).eż. li fihom aktar minn 40 % xgħir jew 60 % qamħ.	Mingħajr limitu ta' żmien

(1) 1 BU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0.06 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn xgħir beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 4.8 u 50 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan tal-ħafur fil-minuta f'pH ta' 5.3 u 50.°C.
(3) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn beta-glucan tax-xgħir fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 30 °C.
(4) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' kompost fenoliku (ekwivalent ta' ksilożju) minn sustrat tal-casein fil-minuta f'pH ta' 7.5 u 40.°C.
(5) 1 U huwa l-ammont ta' enżima li jidrolizza 1 mikromole ta' linkages glucosidiċi minn sustrat ta' *polymer* tal-lamtu li huwa *cross-linked* u li ma jinhallx fl-ilma fil-minuta f'pH ta' 6,5 u 37 °C.
(6) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' materjal *reducing* (ekwivalent *galacturonic acid*) minn sustrat *poly D-galacturonic* fil-minuta f'pH ta' 5.0 u 40.°C.

ANNESS III

Nru KE jew Nru.	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Kontenut-massima	Kontenutmassimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
Enzymes								
5	Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-xylanase prodott mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 10287) b'attività minima ta': Forma miksija: 1 000 FXU (1)/g Forma likwida: 650 FXU/ml	Ħnieżer għat-tismin	—	200 FXU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ 200-400 FXU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polysakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira *arabinoxylans*).eż. li fihom aktar minn 50 % ċereali (eż qamħ, xgħir, segala jew *triticale*).	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*
			Papri	—	100 FXU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura li fiha jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ 100-200 FXU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polisakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira *arabinoxylans*).eż. li fihom aktar minn 50 % ċereali (eż. qamħ, xgħir, segala jew *triticale*).	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*

Nru KE jew Nru.	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Kontenut-massima	Kontenutmassimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
37	Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8 Subtilisin EC 3.4.21.62	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-xylanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105) u subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) b'attività minima ta': Endo-1,4-beta-xylanase: 5 000 U ([2])/g Subtilisin: 1 600 U ([3])/g	Papri	—	endo-1,4-beta-xylanase: 2 500 U subtilisin: 800 U	— —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u l-premixture, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,4-beta-xylanase: 2 500 U subtilisin: 800 U 3. Għall-użu fl-għalf kompost eż. li fih iżjed minn 65 % qamħ.	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*
59	Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8 Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Subtilisin EC 3.4.21.62 Alpha-amylase EC 3.2.1.1 Polygalacturo-nase EC 3.2.1.15	Preparazzjoni ta' beta-xylanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105), endo-1,3(4)-beta-glucanase u alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), subtilisin prodott mill- *Bacillus subtilis* (ATCC 2107), polygalacturonase prodott mill- *Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) b'attività minima ta': Endo-1,4-beta-xylanase: 300 U ([2])/g Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U ([4])/g Subtilisin: 4 000 U ([3])/g Alpha-amylase: 400 U ([5])/g Polygalacturonase: 25 U ([6])/g	Papri	—	endo-1,4-beta-xylanase: 300 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U subtilisin: 4 000 U alpha-amylase: 400 U polygalac-turonase: 25 U	— — — — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u l-premixture, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,4-beta-xylanase: 300 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 150 U subtilisin: 4 000 U alpha-amylase: 400 U polygalacturonase: 25 U. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna lamtu u polisakkardi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u *arabinoxylans*).eż. li fihom aktar minn 40 % qamħ-qirrun.	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*

Nru KE jew Nru.	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Kontenut-massima	Kontenutmassimu	Kontenut-massimu	Dispożizzjonijiet ohrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
			Tiġieġ li jbidu	—	endo-1,4-beta-xylanase: 225 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 112 U subtilisin: 3 000 U alpha-amylase: 300 U polygalac-turonase: 18 U	— — — — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-premixture, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,4-beta-xylanase: 225 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 112 U subtilisin: 3 000 U alpha-amylase: 300 U polygalacturonase: 18 U. 3. Għall-użu f' għalf kompost li fih ħafna lamtu u polisakkardi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u *arabinoxylans*).eż. li fihom aktar minn 40 % qamħ-qirrun.	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*

(1) 1 FXU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 7.8 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) mill-arabinoksilan tal-qamħ fil-minuta f'pH ta' 6.0 u 50 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan tal-ħafur fil-minuta f'pH ta' 5.3 u 50.°C.
(3) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' kompost fenoliku (ekwivalent ta' ksilożju) minn sustrat tal-*casein* fil-minuta f'pH ta' 7.5 u 40.°C.
(4) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn beta-glucan tax-xgħir fil-minuta f'pH ta' 5.0 u 30 °C.
(5) 1 U huwa l-ammont ta' enżima li jidrolizza 1 mikromole ta' kunnessjonijiet glukosidiċi minn sustrat ta' *polymer* tal-lamtu li huwa *cross-linked* u li ma jinħallx fl-ilma fil-minuta f'pH ta' 6,5 u 37 °C.
(6) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' materjal *reducing* (ekwivalent *galacturonic acid*) minn sustrat *poly D-galacturonic* fil-minuta f'pH ta' 5.0 u 40.°C.